MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 2471/2000/1

Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta’ estera AXA Insurance plc, gia’ Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Cuschieri Ltd u l-istess Vincent Cuschieri Ltd.

vs

Emanuel Borg

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta’ attrici nomine et ippremettiet:

Illi fis-6 ta’ Novembru 1999 ghal xi s-2.15 p.m., waqt li Claire Cuschieri kienet qed issur il-vettura Honda numru

ABG 246, proprjeta' tas-socjeta' attrici Vincent Cuschieri Ltd. go Triq Michael Angelo Cagiano, San Giljan, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura Peugeot numru LAI 129 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1).

Illi l-car numru ABG 246 kienet assikurata mas-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine taht polza "comprehensive" u s-socjeta' attrici Vincent Cuschieri Ltd bhala l-assikurat ghamlet claim wara dan l-incident.

Illi d-danni tal-attur kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn mija sitta u disghin lira sitta u sittin centezmu (Lm2196.66) in kwantu ghal elfejn mija u erba' liri sitta u sittin centezmu (Lm2104.66c) dovuti lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe bhala risarciment tal-ammont li sborsat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata skond il-polza ta' assikurazzjoni comprehensive kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal tnejn u disghin lira (Lm92) dovuti lis-socjeta' attrici Vincent Cuschieri Ltd. bhala risarciment ta' danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni (Dok. 2 sa Dok.14).

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas id-danni attrici baqa' inadempjenti.

Ghalhekk is-socjeta' attrici nomine et qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi, li jigu likwidati d-danni tal-atturi fis-somma ta' elfejn mija sitta u disghin lira

sitta u sittin centezmu (Lm2196.66), occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine s-somma ta’ elfejn mija u erba’ liri sitta u sittin centezmu (Lm2104.66c) bhala risarciment tal-ammonti li sborsat is-socjeta’ attrici biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata skond il-polza ta’ assikurazzjoni kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta’ attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u jhallas lis-socjeta’ attrici Vincent Cuschieri Ltd is-somma ta’ tnejn u disghin lira (Lm92) bhala risarciment ta’ danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Lulju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bil-proceduri odjerni a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mill-14 ta’ Lulju 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konferrmata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatti u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku li gara fis-6 ta’ Novembru 1999 bejn il-vetturi numru ABG 246 u numru LAI 129, ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija ta’ Claire Cuschieri li waqt li kienet qed issuq il-vettura numru ABG 246 imhabba negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku marret fuq in-naha hazina tat-triq u habtet mal-vettura misjuqa mill-eccipjenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi stante li dan l-incident ma’ garax tort u htija tal-eccipjent, l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-atturi in linea ta’ danni, liema danni kif pretizi mill-atturi huma f’kwalunkwe kaz ezagerati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debtament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat lix-xhieda P.S.441 Louis Micallef, Claire Cuschieri u Stephen Conti prodotti mill-atturi.

Semhat lill-konvenut minn jeddu.

Rat il-verbal tal-access mizmum fit-2 ta' April 2003.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet'

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza

Ikkonsidrat:-

Illi din hija azzjoni għal danni wara ħabta bejn żewġ vetturi. Jirriżulta mill-provi illi fis-6 ta' Novembru 1999 ghal xi s-2.15 p.m., sehh inċident awtomobilistiku bejn Claire Cuschieri, illi kienet qed issur il-vettura Honda numru ABG 246, proprjeta' tas-socjeta' attrici Vincent Cuschieri Ltd., fi Triq Michael Angelo Cagiano, San Giljan, u l-vettura Peugeot numru LAI 129 misjuqa mill-konvenut Emanuel Borg

Illi l-vettura numru ABG 246 kienet assikurata mas-socjeta' assikuratrici attrici taht polza comprehensive u s-socjeta' attrici Vincent Cuschieri Ltd bhala l-assikurat ghamlet claim wara dan l-incident u l-imsemmija soċjetà assikuratrici indennizzat lis-sidien ghad-danni sofferti u b'hekk giet surrogata surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha

L-immsemmija sewwieqa Claire Cuschieri tgħid illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament

il-konvenut. Da parti tiegħu, il-konvenut jgħid illi l-imsemmi inċident ġara unikament tort ta' Claire Cuschieri.

Jirriżulta mill-provi illi Claire Cuschieri kienet tiela' fi triq Michael Angelo Caggano. Jirriżulta illi din hija telgħa pjuttost wieqfa (steep). Jirriżulta ukoll illi ftit 'l isfel mill-post fejn ġrat il-ħabta, it-triq tidjieq xi ftit, minħabba xi ħajt tas-sejjieħ illi hemm, pero, minkejja dan, xorta waħda Triq Michael Angelo Caggano hi "two way."

Hi u tiela', Claire Cuschieri kellha taqla 'l barra biex tevita l-imsemmi ħajt, u a fol.42 xehdet "kont għaddejja pjuttost għal nofs it-triq." Inzerta illi l-konvenut Emanuel Borg kien ħiereġ minn Triq Adrijatiku, u kif jirriżulta mill-aċċess li sar kif imniżżel fil-proċess a fol 59, sabiex min ikun ħiereġ minn Triq l-Adrikatiku u biex ikun jista' jara xi traffiku ġej minn Triq Michael Angelo Cagiano, irid joħroġ lil hemm mill-istop sign. Fil-fatt hekk għamel il-konvenut Emanuel Borg u dan xehed illi meta għamel hekk, il-karozza misjuqa minn Claire Cuschieri baqgħet dieħla fuqu. Dan huwa ikkorroborat mill-isketch, għaliex mill-isketch jirriżulta illi kienet Claire Cuschieri illi daħlet fil-karreġġata tal-konvenut. Il-konvenut Emanuel Borg baqa' dejjem fil-karreġġata tiegħu. L-iskizz a fol 9 biċ-ċar juri illi l-vettura ABG 246 ma baqgħetx fil-karreġġata taggħa u illi hija invadiet il-karreġġata tal-konvenut. Tant kienet qiegħda 'l barra mill-karreġġata tagħha Claire Cuschieri, illi l-konvenut jgħid illi wara l-ħabta, il-karozzi l-oħra fit-triq setgħu jgħaddu minn wara l-karozza tagħha u jibqgħu telgħin 'l fuq fi triq Michael Angelo Cagiano.

Kwindi jirriżulta mill-provi illi f'manuvra biex tevita l-ħajt tas-sejjieħ li kien hemm fuq in-naha tax-xellug taghha, l-attrici ħarġet il-barra mill-karregata tagħha fi Triq Cagiano, b'mod illi hija ġiet fuq is-*side* tal-konvenut. F'din il-manuvra, l-attriċi ħarġet il-barra wisq mill-"lane" tagħha u baqgħet hekk il-barra. Jiġifieri, wara li qabżet il-ħajt tas-sejjieħ, l-attriċi ma reġgħetx ġibdet għal fuq in-naħa tagħha u invadiet il-karreġġata tal-konvenut.

Mill-posizzjoni kif murija fuq l-iskizz, jidher illi l-attriċi kienet bla dubbju kompletament fuq in-naħa ħażina tat-triq, u

dan il-fatt ta lok għall-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża. Jiġifieri kien il-mod tas-sewqan ta' Claire Cuschieri li unikamwent ikkawża il-kolliżjoni peress li hija marret fin-naħa l-ħażina tat-triq u ma ġibditx lura ghan-naħa tagħha wara li qabżet il-ħajt. Il-konvenut baqa dejjem fuq in-naħa tat-triq tiegħu. Illi meta l-attriċi marret fin-naħa tat-triq tal-konvenut, b'hekk kisret regolament tas-sewqan.

Jiġi osservat illi kif ġie ritenut mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 1963 Fil-kawza fl-ismijiet "Valerian Formosa vs Squadron Leader Alfred Hone" - The driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising resonable care. Gibb & Millner, The Trial of Motor Car Accident Cases Sec 73 p 64.

Mill-provi għandu jiġi konkluż illi Claire Cuschieri għandha tiġi unikament ritenuta responsabbli għal dan l-inċident, għaliex bis-sewqan tagħha hija invadiet in-naħa l-oħra tat-triq. kwindi, ma hemmx lok għall-konvenut li jirrispondi għall-ħsara kkaġonata fil-karozza misjuqa minn Claire Cuschieri għaliex il-kolliżjoni ġrat unikament minħabba s-sewqan tal-assikurata tas-socjjeta' assikuratrici attrici.

Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-eccezzzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Spejjez kollha kontra l-atturi in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------